MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Frar, 1999

Rikors Numru. 2465/1998/1

**Carmel u Mary mizzewgin Baldacchino**

Vs

**Lawrence Baldacchino Alfred Baldacchino u John Baldacchino**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew :

Illi l-istanti Carmel Baldacchino huwa kompropretarju mal-konvenuti tad-dar 71 Triq il-Kappillan Carol Manche’, Gzira;

Illi huwa sar jaf li dik id-dar hija abitata minn persuna barranija ghall-partijiet li tghid li krietha u gahndha skrittura ta’ lokazzjoni:

Illi huwa ghandu dritt ikun jaf kif, meta, minn min, ghal kemm zmien u taht liema kondizzjonijiet saret il-kirja:

Illli huwa ma rnexxilhux jottjeni kopja tal-iskrittura biex ikollu dak t-taghrif, nonostante li interpella lill-konvenuti u lill-imkwilina ghal dan l-iskop b'ittra ufficjali:

Ghalhekk l-aturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghadhiex din il-Qorti tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, li, fi, zmien qassir u perentoarju li jigi iffissat jipproducu lill-istanti l-imsemmija skrittura ta' lokazzjoni tal-fond 71, Triq il-Kappillan Carlo Manche', Gzira.

B'riserva ghall-kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-istanti u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-3 ta' Marzu, 1998 kontra il-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepiet:-
I. Illi ;ghall-finijiet tat-talba attrici l-eccipjenti m'hmiex legittimi kontraditturi u
2. B'riserva espressa ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunuu ammissibbli skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u ;l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-attur Carmel Baldacchino dwar il-kap tal-ispejjes;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Jannar, 2002;

Ikkonsidrat:-

F'dawn il-proceduri l-atturii, li huma, ma ohrajn, proprjetarji tal-fond 71, Triq il-Kappillan Carlo Manche Gzira, qed jitolbu lill-konvenuti, li huma wkoll komproprjetarji tal-istess fond, jigu ordnati li jipproducu skrittura ta'lokazzjoni li saret ma terzi ghar-rigward tal-istess fond. Din l-iskrittura giet prodotta fil-kors ta' dawn il-proceduri u inoltre gie konsenjat ill-attturi dokument li hemm referenza ghalih f' din l-istess skrittura;

In vista tal-premess il-meritu huwa ezawrit, kif del resto iddikkjaraw l-atturi fil-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju, 2000;

Jibqa biss lii jigi deciz il-kap tal-ispejjes;

Ma hemmx dubbju li, bhala komproprjetarji tal-fond in kwestjoni, l-atturi ghandhom kull dritt li jkunu jafu bil-kirja li saret rigward tal-istess fond minn komproprjetarji ohra u x'kienu l-kondizzjonijiet tal-istess kirja. Jirrizulta li kopja tal-iskrittura relattiva giet biss prodotta fil-mori ta' din il-kawza. Konsegwentement l-ispejjes kollha ghandhom jithallsu mill-konvenuti;

Ghall-dawn il-mottivi:

Tiddikkjara li il-meritu huwa ezawrit u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess meritu.

Tikkundanna lill-konvenutiihallsu l-ispejjes kollha tal-kawza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------